IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.5.2019
COM(2019) 232 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

## Appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli madwar id-dinja: Ir-Rapport Konġunt ta' Sinteżi 2019 tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha

{SWD(2019) 176 final}

MT MT

**Appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli madwar id-dinja:**

**Ir-Rapport Konġunt ta' Sinteżi 2019 tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha**

## Parti 1: Introduzzjoni

L-aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli[1] (l-Aġenda 2030), bis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goals, SDGs) tagħha, hija l-pjan ta' azzjoni internazzjonali biex jinqered il-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli. Għalhekk dan għandu importanza immensa bħala l-aġenda komuni li madwarha l-pajjiżi kollha jridu jaġixxu sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-nies fil-limiti planetarji. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma għalkollox impenjati biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 huma stess u biex javvanzaw l-implimentazzjoni tagħha globalment permezz tal-firxa sħiħa tal-azzjonijiet esterni tagħhom. Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp tal-2017[2] (il-Kunsens) jipprovdi qafas ta' politika komuni ġdid għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u l-Istati Membri tagħha, b'appoġġ għal din l-implimentazzjoni.

Dan ir-rapport jipprovdi sommarju qasir ta' kif l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp permezz tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Huwa jwieġeb għal impenn speċifiku fil-Kunsens, biex isir tali rapport fl-2019 u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem. Ir-rapport jiffoka fuq il-perjodu minn meta l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat l-Aġenda 2030 f'Settembru 2015 u huwa kontribut għar-rapportar tal-UE fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2019.

Dan ir-rapport juri l-progress li sar s'issa mill-UE u mill-Istati Membri u kif biħsiebhom ikomplu bl-isforzi tagħhom. Huwa juri li dawn ikkontribwew b'mod kollettiv għall-implimentazzjoni tal-SDGs kollha fir-reġjuni kollha li qed jiżviluppaw fid-dinja. L-UE u l-Istati Membri tagħha ħadmu flimkien mill-qrib biex jipproduċu r-rapport, f'konsultazzjoni ma' sħab oħra, inklużi l-Parlament Ewropew u s-soċjetà ċivili. Il-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-rapport jikkomplementah, billi jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-progress li sar taħt kull SDG, inklużi eżempji speċifiċi ta' azzjoni mill-UE u mill-Istati Membri tagħha.

## Parti 2: Il-valuri u l-prinċipji tal-UE

L-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw b'mod konsistenti u qawwi:

- l-ordni globali multilaterali bbażat fuq ir-regoli, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu;
- ħajja dinjituża għal kulħadd li tirrikonċilja l-prosperità ekonomika u l-effiċjenza, is-soċjetajiet paċifiċi, l-inklużjoni soċjali u r-responsabbiltà ambjentali; kif ukoll
- l-Istat tad-dritt, id-demokrazija u l-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà.

L-approċċ tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-isfidi globali jirrifletti għalkollox l-Aġenda

[1] https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld/publication

[2] https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/european-consensus-on-development-final-20170626_en.pdf

2030, flimkien mal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp[3] u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima[4]. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u tal-ftehimiet l-oħra hija ċentrali għall-azzjoni esterna tal-UE. L-istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE[5] tipprovdi viżjoni ġenerali għall-impenn konġunt, kredibbli u responsiv tal-UE fid-dinja. L-għan huwa li l-SDGs jiġu implimentati b'mod komprensiv u strateġiku, jiġu indirizzati l-interkonnessjonijiet bejniethom u jittieħed qies tal-impatti tal-azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fil-livelli kollha. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma wkoll impenjati li jaħdmu flimkien b'mod aktar koerenti u koordinat b'appoġġ għall-Aġenda 2030.

L-UE u l-Istati Membri tagħha implimentaw approċċ għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha. Huma ppromwovew l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u l-ekwità, it-trasparenza u r-responsabbiltà. Fittxew li jiggarantixxu li "ħadd ma jitħalla barra", kull fejn jgħixu n-nies, u irrispettivament mill-etniċità, is-sess, l-opinjoni, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, l-istatus ta' migrazzjoni jew fatturi oħra.

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija fil-qalba tal-valuri tal-UE u minquxa fil-qafas legali u politiku tagħha. In-nisa u l-bniet huma aġenti ewlenin għall-iżvilupp u għall-bidla. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli.

**L-ugwaljanza bejn il-ġeneri**

L-UE u l-Istati Membri tagħha mexxew 'il quddiem il-kunċett li n-nisa u l-bniet jirrealizzaw r-realizzazzjoni u jgawdu kompletament id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż il-garanzija tal-integrità fiżika u psikoloġika tal-bniet u tan-nisa, li jinqered it-traffikar tal-bnedmin, il-promozzjoni tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi tal-bniet u tan-nisa, u li tissaħħaħ il-vuċi u l-parteċipazzjoni tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan turih l-Inizjattiva Spotlight[6] , is-sħubija globali pluriennali bejn l-UE u n-NU, li tnediet fl-2017 u hija ffukata fuq l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. L-UE kkontribwiet EUR 500 miljun għall-Inizjattiva dwar l-ipprogrammar komprensiv tal-pajjiż f'għadd limitat ta' pajjiżi, ikkomplementata minn programmi reġjonali. L-UE u l-Istati Membri tagħha ħadmu wkoll biex jagħtu s-setgħa lin-nisa bħala mezz biex itejbu l-produttività tal-impriżi u biex jikkatalizzaw it-tkabbir ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u l-ġustizzja soċjali. Fl-2017, huma impenjaw aktar minn EUR 25 biljun f'appoġġ għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri[7].

## Parti 3: Il-progress fid-dawl tal-Aġenda 2030

L-għan ewlieni tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u l-Istati Membri tagħha huwa l-qerda tal-faqar. Biex jimplimentaw l-SDGs, huma żiedu l-pass tal-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, filwaqt li appoġġaw it-tkabbir sostenibbli.

[3] https://www.un.org/esa/ffd/wp-content/uploads/2015/08/AAAA_Outcome.pdf
[4] https://unfccc.int/process-and-meetings/the-paris-agreement/the-paris-agreement
[5] https://eeas.europa.eu/sites/eeas/files/eugs_review_web_0.pdf
[6] https://www.un.org/en/spotlight-initiative/
[7] Sistema ta' Rappurtar tal-Kredituri ta' l-OECD (CRS)

It-tnaqqis tal-faqar estrem huwa wieħed mill-istejjer ta' suċċess globali tal-aħħar 30 sena. Madankollu, għad fadal sfidi sinifikanti, inkluż fil-pajjiżi l-anqas żviluppati (Least Developed Countries, LDCs) u l-pajjiżi milquta minn kunflitti, partikolarment fl-Afrika Sub-Saħarjana. Barra minn hekk, l-isfida tal-inugwaljanza żdiedet f'ħafna pajjiżi.

**<u>Taqsima 3.1: sommarju tal-progress fl-4Ps (People [In-Nies], Planet [Il-Pjaneta], Prosperity [Il-Propserità] u Peace [Il-Paċi])</u>**

<u>In-nies</u>

L-UE u l-Istati Membri tagħha saħħew l-isforzi tagħhom għall-iżvilupp tal-bniedem. Huma segwew:

- il-kopertura tas-saħħa universali;
- l-aċċess universali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità;
- protezzjoni soċjali adegwata u sostenibbli;
- xogħol deċenti għal kulħadd f'ambjent tajjeb għas-saħħa; kif ukoll
- it-tmiem għall-ġuħ u l-malnutrizzjoni.

Pereżempju, dawn appoġġaw aktar minn 100 miljun persuna fl-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni u għenu wkoll aktar minn 100 miljun biex jiksbu aċċess aħjar għas-saħħa u l-edukazzjoni[8]. Appoġġaw it-tagħlim tul il-ħajja inklużiv u l-edukazzjoni ekwa ta' kwalità, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, u żiedu l-isforzi biex jiżguraw li kulħadd ikollu l-għarfien, il-ħiliet, il-kapaċitajiet u d-drittijiet li jgawdi l-ħajja b'dinjità, li jkun involut fis-soċjetà u li jikkontribwixxi għall-komunità tiegħu.

L-aġenda 2030 għamlet enfasi ġdida fuq l-inugwaljanza, inkluż il-prinċipju li ħadd ma jitħalla lura. Mill-2015 'l hawn, l-UE u l-Istati Membri ttrattaw l-inugwaljanza fil-pajjiżi sħab inkluż permezz ta' appoġġ għal tkabbir inklużiv, il-promozzjoni ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, u l-ħidma ma' pajjiżi sħab fuq sistemi fiskali progressivi.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ddedikaw ukoll sforzi qawwijin biex jiżviluppaw politiki effettivi dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi sħab. Permezz ta' din il-ħidma, huma

- ppromwovew l-istabbiltà fl-istati fraġli;
- saħħew il-kapaċitajiet pubbliċi biex jipprovdu servizzi essenzjali;
- ppromwovew mudelli ambjentalment sostenibbli għat-tkabbir; kif ukoll
- bdew jindirizzaw l-ispiża għolja tar-remissi.

Huma ppromwovew id-dinjità, ir-reżiljenza u l-kapaċitajiet ta' persuni spostati u l-inklużjoni tagħhom fil-ħajja ekonomika u soċjali tal-komunitajiet ospitanti.

[8] https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/annual-report-2018-hres-20190212_en.pdf

**Il-mobilità u l-migrazzjoni**

Il-migrazzjoni hija sfida globali. Il-ġestjoni tajba tagħha teħtieġ ukoll responsabbiltà globali kondiviża u kooperazzjoni fit-tul. L-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw lil pajjiżi terzi tal-oriġini, ta' transitu u ta' destinazzjoni. sabiex jappoġġaw kumplessivament politiki ġestiti sew għal migrazzjoni sikura, bl-ordni u regolari. L-UE integrat kompletament il-migrazzjoni fir-relazzjonijiet mal-imsieħba esterni tagħha. Il-programmi ta' żvilupp ikkontribwew biex jiġu indirizzati l-kawżi bażiċi tal-migrazzjoni irregolari, pereżempju permezz tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika[9], u permezz ta' appoġġ għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-governanza tajba u l-ħolqien tal-impjiegi.

Il-pjaneta

L-effetti tat-tibdil fil-klima qed jheddu serjament il-gwadanji fl-iżvilupp, l-istabbiltà u l-prosperità u l-ambjent madwar id-dinja. L-impatti klimatiċi qed jikkontribwixxu għat-telf ta' għajxien, l-ispostament sfurzat u l-kunflitt. Biex ikollna dinja aktar paċifika u sikura huwa essenzjali li nżidu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima. Il-flussi finanzjarji u l-investimenti jeħtieġ li jiġu diretti mill-ġdid lejn teknoloġiji u impriżi newtrali għall-klima.

Aktar minn 70 % tal-fqar tad-dinja jgħixu f'żoni rurali[10] u jiddependu direttament fuq il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema għall-għajxien tagħhom. Madankollu, dawn is-sistemi jinsabu f'periklu serju. Ġestjoni aħjar tar-riżorsi naturali għandha rwol ċentrali fl-indirizzar tat-telf tal-bijodiversità u tat-tibdil fil-klima filwaqt li tagħti spinta lill-kompetittività tal-impriżi u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli. Sa mill-2015, l-UE implimentat l-inizjattiva " Bijodiversità għall-Ħajja[11]" biex

- tipproteġi l-ekosistemi;
- tiġġieled kontra l-kriminalità fil-ħajja selvaġġa; kif ukoll
- tmexxi 'l quddiem ekonomija ekoloġika fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

Ħafna Stati Membri tal-UE inkludew il-protezzjoni ambjentali, l-effiċjenza tar-riżorsi u t-tibdil fil-klima bħala partijiet integrali mill-istrateġiji tagħhom ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, pereżempju fi programmi li jipproteġu l-ekosistemi, inaqqsu t-tniġġis, jiġġeneraw impjiegi ekoloġiċi u jippromwovu l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u l-urbanizzazzjoni sostenibbli.

L-UE ħadmet biex tippromwovi l-adozzjoni usa' tal-prattiki tal-enerġija sostenibbli tagħha stess, filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Permess ta' sinerġiji bejn il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Aġenda 2030, hija evitat id-duplikazzjoni, naqqset l-ispejjeż amministrattivi kif ukoll ippromwoviet approċċi li bihom jirbaħ kulħadd.

L-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jemerġu biex jimxu lejn ekonomija ċirkolari u iħejju u jimplimentaw il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali

[9] https://ec.europa.eu/trustfundforafrica/content/homepage_en
[10] Poverty and Shared Prosperity 2018: Piecing Together the Poverty Puzzle. World Bank, Washington, D.C. World Bank
[11] https://ec.europa.eu/europeaid/eu-biodiversity-life-b4life-flagship-initiative-brochure_en

tagħhom skont il-Ftehim ta' Pariġi. L-UE allokat EUR 3,7 biljun f'finanzjament għal enerġija sostenibbli bejn l-2014 u l-2020 u tinsab fit-triq it-tajba biex

- tikseb l-aċċess għall-enerġija għal madwar 40 miljun ruħ;
- ikun hemm 6.5 gigawatt aktar f'kapaċità tal-enerġija rinnovabbli; kif ukoll
- jiġu ġġenerati madwar 15-il miljun tunnellata CO2 inqas permezz ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika[12].

**L-enerġija sostenibbli u t-tibdil fil-klima**

Fl-2017, l-UE u l-Istati Membri tagħha kkontribwew aktar minn EUR 23 biljun[13] biex jappoġġaw lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u jadattaw għaliha. Dawn jinkludu EUR 2,6 biljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Bank tal-UE, li huwa impenjat li sal-2020 jiddedika 35 % tal-attività tiegħu barra mill-UE għall-azzjoni klimatika. Il-pajjiżi msieħba indirizzaw dejjem aktar l-enerġija sostenibbli bħala kwistjoni trasversali biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi u bħala xprun għat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli. L-inizjattiva ewlenija tal-UE l-Alleanza Globali kontra t-Tibdil fil-Klima+ (GCCA +)[14] qed tgħin lill-pajjiżi l-aktar vulnerabbli tad-dinja jindirizzaw it-tibdil fil-klima permezz ta' aktar minn 70 proġett.

Il-prosperità;

Mill-2015 'l hawn, l-UE u l-Istati Membri tagħha ppromwovew it-tkabbir sostenibbli inklużiv u l-impjiegi deċenti fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, kif ukoll il-protezzjoni soċjali. Il-prijorità kienet li jingħata appoġġ lill-pajjiżi sħab fl-iżvilupp ta' oqfsa ta' politika għall-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli. L-azzjoni li ttieħdet tinkludi:

- appoġġ baġitarju biex il-gvernijiet ikunu jistgħu jimmobilizzaw ir-riżorsi domestiċi u jużawhom b'mod effettiv;
- it-taħlit, il-garanziji baġitarji u strumenti finanzjarji innovattivi oħra biex jiġi mobilizzat is-self pubbliku u l-investiment privat; kif ukoll
- għajnuna għall-kummerċ biex il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ikollhom aċċess għall-benefiċċji ta' kummerċ estiż mal-UE.

Sa mill-2016, il-ħolqien tal-impjiegi sar objettiv espliċitu tal-appoġġ baġitarju. L-UE intensifikat l-użu tal-garanziji biex tnaqqas ir-riskju tal-investiment għall-iżvilupp sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi, filwaqt li għaqqdithom mal-assistenza teknika u, fejn xieraq, mal-appoġġ baġitarju.

[12] https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/staff-working-document-energy-20180222_en.pdf
[13] Is-Sistema ta' Rappurtar tal-Kredituri tal-OECD
[14] http://www.gcca.eu/

**L-investiment u l-kummerċ;**

Il-Pjan tal-Investiment Estern Ewropew[15] huwa eżempju ta' strument b'diversi livelli biex jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli billi jiġġenera l-prosperità u l-impjiegi, b'mod partikolari għan-nisa u ż-żgħażagħ. Sal-2018, kien investa EUR 3,7 biljun, li huma mistennija jiġġeneraw aktar minn EUR 37,1 biljun f'investiment pubbliku u privat addizzjonali biex jitjieb l-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-Afrika u fil-Viċinat Ewropew. Dan jinsab qrib sew biex sal-2020 jiġi ġġenerat investiment ta' EUR 44 biljun. L-EIP qed jiġi implimentat b'attenzjoni speċjali għall-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, il-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-pajjiżi fqar b'ħafna dejn. L-Istrateġija tal-Għajnuna għall-Kummerċ[16] aġġornata tal-UE tal-2017 qed tgħin lill-pajjiżi sħab, b'mod partikolari lill-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs), biex ikabbru l-benefiċċji minn ftehimiet kummerċjali tal-UE u skemi unilaterali ta' preferenza.

Il-paċi

Ħafna reġjuni fid-dinja jiffaċċjaw sfidi sew minn kunflitt miftuħ kif ukoll minn vjolenza u tensjonijiet fost is-soċjetà, li jheddu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. L-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu approċċ integrat għall-prevenzjoni tal-kunflitti u l-bini tal-paċi, li jiġbor fih:

- twissija bikrija u analiżi;
- rispons umanitarju mmexxi mill-prinċipji umanitarji[17];
- il-medjazzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-kunflitti u l-irkupru ta' wara l-kunflitt; kif ukoll
- il-promozzjoni tar-rwol essenzjali tan-nisa f'dawn il-proċessi.

Sa mill-2015 kienu ffukaw aktar fuq stati fraġli u affettwati mill-kunflitti. Ikkontribwew biex jinbnew l-paċi u s-sigurtà internazzjonali permezz ta' operazzjonijiet u taħriġ, b'enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni u l-medjazzjoni. Indirizzaw ukoll it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali li huma fost l-akbar theddidiet emerġenti għall-paċi u s-sigurtà.

L-UE u l-Istati Membri tagħha kienu fost dawk l-aktar favur id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba, u l-istat tad-dritt. Huma għenu lill-gvernijiet biex jipprovdu servizzi essenzjali u aċċess għall-ġustizzja u jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Huma indirizzaw l-ispazju li qed jiċkien għad-dibattitu ċiviku u l-parteċipazzjoni politika, billi saħħew is-soċjetà ċivili. Fl-2017 ipprovdew kważi EUR 30 biljun f'sostenn għall-iżvilupp parteċipattiv u l-governanza tajba.

[15] https://ec.europa.eu/commission/eu-external-investment-plan_en

[16] https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/com_2017_667_f1_communication_from_commission_to_inst_en_v3_p1_954389.pdf

[17] L-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità, l-indipendenza

**Id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba**

L-impenn tal-UE favur id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba huwa rifless fil-Pjan ta' Azzjoni attwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija[18]. Il-Pjan saħħaħ id-demokrazija b'enfasi partikolari fuq id-demokrazija rappreżentattiva u parteċipatorja, il-pluraliżmu politiku, it-trasparenza u r-responsabbiltà. Huwa appoġġa lill-parlamenti, lill-partiti politiċi u lis-soċjetà ċivili u ffoka fuq l-indirizzar ta' xejriet negattivi bħall-kampanji ta' diżinformazzjoni, l-abbuż ta' big data u t-tnaqqis tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi.

## Taqsima 3.2: progress aħjar permezz ta' approċċi integrati

Ħidma biex jinkisbu ħafna SDGs f'daqqa

Sa mill-2015, l-UE u l-Istati Membri tagħha dejjem aktar ħadu approċċ interkonness lejn il-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-programmi mmirati biex jiggarantixxu s-sigurtà tal-bniedem f'setturi bħall-agrikoltura kkontribwew f'firxa ta' SDGs billi:

- tejbu l-produttività;
- ħolqu l-impjiegi;
- inkoraġġew l-użu aktar effiċjenti tal-ilma u tal-enerġija; kif ukoll
- issalvagwardjaw il-bijodiversità, u b'hekk ikkontribwew għal firxa ta' SDGs.

Fis-Sħubija UE-Afrika[19], qed isir djalogu ministerjali biex jidentifika approċċi komuni dwar l-agrikoltura, pereżempju għall-appoġġ tas-sostenibbiltà u ż-żgħażagħ.

Hemm bżonn aktar minn dawn l-approċċi koordinati, u rappurtar aħjar dwar il-kobenefiċċji.

**Iż-żgħażagħ**

Sabiex jappoġġaw liż-żgħażagħ bħala aġenti tal-bidla, l-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fil-proċessi tal-paċi, ikkontribwew għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg, inkluż għan-nisa żgħażagħ, appoġġjaw politiki effettivi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, tejbu l-aċċess għaż-żgħażagħ għat-teknoloġiji u s-servizzi diġitali u saħħew id-drittijiet taż-żgħażagħ u l-involviment tagħhom fl-affarijiet pubbliċi. L-Alleanza Afrika-Ewropa għall-Investiment u għall-Impjiegi Sostenibbli[20], li tnediet f'Settembru 2018, għandha l-għan li toħloq opportunitajiet ta' impjiegi sostenibbli fl-Afrika, b'enfasi partikolari fuq in-nisa u ż-żgħażagħ biex dawn jakkwistaw il-ħiliet li jaqblu mad-domanda tas-suq tax-xogħol.

[18] https://eeas.europa.eu/sites/eeas/files/eu_action_plan_on_human_rights_and_democracy_en_2.pdf
[19] https://africa-eu-partnership.org/en/partnership-and-joint-africa-eu-strategy
[20] https://www.africa-eu-partnership.org/sites/default/files/documents/en_communication_on_a_new_alliance.pdf

L-iżvilupp id f'id ma' politiki oħra

L-UE u l-Istati Membri tagħha kellhom l-għan li jiżguraw li l-politika ta' żvilupp taħdem id f'id ma' politiki oħra bħall-paċi u l-istabbiltà, il-kummerċ u l-investiment, l-enerġija, l-agrikoltura, l-ambjent u t-tibdil fil-klima u l-migrazzjoni, peress li dawn għandhom impatt kollettiv kbir fuq l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

L-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew appoġġ tekniku, finanzjarju u politiku biex jgħinu jiġi indirizzat il-kaġun ewlieni tan-nuqqas ta' sigurtà u l-kunflitt u jippromwovu l-istabbiltà. Eżempju tajjeb huwa l-Approċċ Integrat għall-kunflitti u l-kriżijiet, stabbilit fl-Istrateġija Globali, li jibni sinerġiji bejn azzjonijiet umanitarji, ta' żvilupp sostenibbli u ta' konsolidazzjoni tal-paċi sabiex

- jevita u jittrasforma l-kunflitti vjolenti;
- iżid ir-reżiljenza tal-popolazzjonijiet milquta;
- itaffi r-riskji ta' kriżijiet futuri; kif ukoll
- iwitti t-triq għall-iżvilupp sostenibbli.

Il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika huwa eżempju ieħor ta' approċċ komprensiv biex jagħti appoġġ lill-pajjiżi sħab fl-Afrika, biex b'hekk irawwem l-istabbiltà fit-tul u jindirizza l-fatturi ta' destabbilizzazzjoni, iċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni u l-migrazzjoni irregolari, b'ħidma fuq ir-rabtiet bejn l-iżvilupp, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-miżuri ta' rispons għall-kriżijiet fuq żmien qasir.

L-UE ppromwoviet b'mod konsistenti l-kummerċ ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, permezz ta' ftehimiet kummerċjali, inklużi Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ma' pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, u reġimi preferenzjali ta' kummerċ unilaterali għall-pajjiżi vulnerabbli fil-fażi tal-iżvilupp, inklużi l-LDCs. L-UE hija l-aktar suq miftuħ għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-aktar suq ta' esportazzjoni importanti għal-LDCs. Fl-2017, importat prodotti li jiswew EUR 68 biljun mill-benefiċjarji tat-tliet arranġamenti ta' L-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi[21]. L-UE qed tenfasizza aktar l-integrazzjoni tad-dimensjoni sostenibbli fil-politiki tal-kummerċ.

Il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp

Il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp[22] (Policy Coherence for Development, PCD) tfittex li ttejjeb l-impatti pożittivi u timminimizza l-impatti negattivi tal-politiki tal-UE fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, tippromwovi sinerġiji bejn il-politiki tal-UE u b'hekk iżżid l-effikaċja tal-iżvilupp. Hija element essenzjali tal-isforzi tal-UE biex tissaħħaħ il-konsistenza bejn il-politiki interni u esterni b'appoġġ għall-SDGs. Il-PCD tagħti kontribut importanti għall-impenn usa' għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Il-Kummissjoni integrat il-PCD fil-ħidma ġenerali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Fil-governanza tal-oċeani, pereżempju, ir-Regolament tal-UE dwar Sajd Illegali, Mhux

[21] http://ec.europa.eu/trade/policy/countries-and-regions/development/generalised-scheme-of-preferences/index_en.htm
[22] https://ec.europa.eu/europeaid/policies/policy-coherence-development_en

Irrappurtat u Mhux Irregolat[23], kif ukoll l-Istrateġija Ewropea dwar il-Plastik għal Ekonomija Ċirkolari[24] huma miżuri importanti li jgawdu minnhom il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Fil-migrazzjoni, il-Kummissjoni adottat għadd ta' miżuri biex tqis l-isfidi tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Fl-2017, l-UE adottat azzjonijiet prijoritarji ewlenin[25] ġodda fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-UE.

**Parti 4: Sħubiji**

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li

- jaħdmu aħjar flimkien b'appoġġ għall-SDGs;
- jfasslu sħubijiet aktar qrib il-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw; kif ukoll
- jiżviluppaw sħubijiet aktar b'saħħithom ma' atturi oħra tal-iżvilupp.

Flimkien dawn jibqgħu l-akbar fornitur fid-dinja tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (Official Development Assistance, ODA), filwaqt li fl-2018 ipprovdew EUR 74,4 biljun. Huma ħadmu biex jippromwovu taħlita koerenti ta':

- politiki u istituzzjonijiet effikaċi fil-pajjiżi msieħba;
- mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi li tiffoka fuq l-oqsma li l-aktar għandhom bżonn;
- investiment privat; kif ukoll
- ODA immirata, imfassla għaċ-ċirkostanzi tal-pajjiż u li tikkomplementa riżorsi oħra.

**Taqsima 4.1: Naħdmu aħjar flimkien**

L-UE u l-Istati Membri tagħha ħadmu b'mod aktar koerenti u koordinat fil-kooperazzjoni tagħhom għall-iżvilupp u b'hekk żiedu l-effikaċja, l-impatt u l-obbligu ta' rendikont tagħhom.

Abbażi tal-qafas b'saħħtu ta' objettivi u azzjonijiet komuni li tipprovdi l-Aġenda 2030, l-UE u l-Istati Membri ppromwovew aktar ħidma konġunta li naqqset il-piż fuq il-gvernijiet sħab u ppermettiet li jkun hemm enfasi akbar fuq il-prijoritajiet ewlenin tagħhom. L-UE u l-Istati Membri tagħha qasmu bejniethom l-analiżi, l-għarfien espert u r-riżorsi b'mod aktar effiċjenti.

L-UE u l-Istati Membri tagħha żviluppaw dejjem aktar il-ħidma konġunta tagħhom fl-appoġġ għall-SDGs. Sa Frar 2019, il-Programmazzjoni Konġunta[26] kienet ġiet adottata għal 23 pajjiż sieħeb, u kienet qed tiġi żviluppata f'36 oħra. Qed jitfasslu wkoll oqfsa tar-riżultati konġunti biex ikejlu aħjar l-impatt kollettiv tal-UE u l-Istati Membri bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-SDGs.

L-UE, il-BEI u l-Istati Membri wkoll kienu aktar koerenti fid-diplomazija ekonomika. Sal-2018, kien hemm qbil dwar aktar minn 100 pjan ta' azzjoni tal-pajjiż, biex titjieb il-koerenza tal-

---

[23] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02009R1010-20130917&from=MT

[24] http://ec.europa.eu/environment/circular-economy/pdf/plastics-strategy-brochure.pdf

[25] COM(2017) 728 final, https://ec.europa.eu/anti-trafficking/eu-policy/commission-sets-out-priorities-step-eu-action_en.

[26] https://ec.europa.eu/europeaid/policies/eu-approach-aid-effectiveness/joint-programming_en

politiki u jiġu promossi l-kummerċ internazzjonali u s-sistema kummerċjali ġusta u bbażata fuq ir-regoli li tkun ġusta u miftuħa u li tkun ta' benefiċċju għal kulħadd.

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma kompletament impenjati favur il-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp u ħadmu b'mod konsistenti biex jippromwovuhom. Fir-rapporti ta' monitoraġġ tas-Sħubija Globali għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp[27] juru prestazzjoni eċċellenti dwar l-allinjament tal-kooperazzjoni tagħhom mal-prijoritajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dwar it-trasparenza, l-UE tippubblika *data* ta' kull xahar għall-Inizjattiva dwar it-Trasparenza fl-Għajnuna Internazzjonali[28].

**Eżempji ta' Programmazzjoni Konġunta**

L-UE u l-Istati Membri tagħha qed jaħdmu fil-Mali fuq programmar konġunt ġdid għall-perjodu ta' wara l-2020. F'pajjiż b'dan l-iżvilupp, l-isfidi umanitarji u ta' sigurtà, ir-rispons Ewropew konġunt, li jinvolvi l-Istati Membri kollha tal-UE li jaħdmu hemm, huwa vitali. Fil-Kambodja, intuża rapport ta' monitoraġġ[29] ta' "l-Istrateġija Ewropea ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp għall-Kambodja 2014–2018" bħala bażi għad-djalogu ta' politika konġunt mal-gvern u oħrajn inkluż il-parlament Kambodjan u s-soċjetà ċivili.

**<u>Taqsima 4.2: Ħidma aħjar mas-sħab</u>**

**Sħubijiet aktar b'saħħithom imfassla għaċ-ċirkostanzi tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp**

Sa mill-2015, l-UE u l-Istati Membri tagħha saħħew l-appoġġ tagħhom lill-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw biex iqisu l-SDGs fl-ippjanar, l-ibbaġitjar u l-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom. Dan sar b'mod dejjem aktar diversifikat u mfassal apposta, immirat lejn pajjiżi fejn hemm l-akbar ħtiġijiet, speċjalment pajjiżi li huma l-anqas żviluppati, dawk f'sitwazzjoni ta' fraġilità u kunflitt u fejn il-potenzjal biex jiġi ġġenerat il-finanzjament huwa l-aktar baxx.

Fl-LDCs, l-ODA mill-UE u l-Istati Membri tagħha ffurmaw parti sinifikanti mir-riżorsi tal-gvernijiet nazzjonali disponibbli biex jipprovdu servizzi bażiċi. Il-proporzjon tad-dħul gross nazzjonali mogħti bħala ODA lil-LDCs mill-UE u l-Istati Membri tagħha fl-2017 żdied minn 0,11 % għal 0,12 % – għalkemm għadu inqas mill-mira kollettiva tal-UE fuq żmien qasir ta' 0,15 % -0,20 % u ta' 0,20 % sal-2030. Il-pajjiżi fraġli u milquta mill-kunflitti jippreżentaw sfidi speċjali rigward il-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Fl-2017, il-baġit tal-UE impenja EUR 21 biljun, jew 27,7 % tal-baġit tal-UE ddedikat għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, favur l-istati fraġli.

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat[30] (PEV) riveduta tikkontribwixxi biex il-viċinat immedjat tal-UE jiġi stabbilit bħala l-għan ġenerali tagħha. Dan jiggarantixxi approċċ differenzjat għas-sħab, ibbażat fuq iċ-ċirkostanzi differenti tagħhom, kif ukoll fuq l-interessi tal-UE. Il-politika tipprovdi qafas solidu li jappoġġa r-riformi f'dawn li ġejjin:

- il-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem;

[27] http://effectivecooperation.org/monitoring-country-progress/country-and-territory-monitoring-profiles/
[28] https://iatistandard.org/en/
[29] https://eeas.europa.eu/sites/eeas/files/joint_strategy_first_monitoring_report_en.pdf
[30] https://eeas.europa.eu/diplomatic-network/european-neighbourhood-policy-enp_en

- l-iżvilupp ekonomiku u soċjali inkluživ, il-ħolqien tal-impjiegi u l-opportunitajiet għażżgħażagħ, u l-ħidma mas-sħab dwar is-sigurtà tal-enerġija u l-azzjoni klimatika;
- is-sigurtà, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-politiki kontra r-radikalizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti; kif ukoll
- il-migrazzjoni u l-mobilità, li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari filwaqt li jippromwovu l-mobilità sikura u legali.

Il-prijoritajiet tal-PEV jagħtu kontribut ewlieni għat-trawwim tas-sostenibbiltà f'dawn il-pajjiżi u l-kapaċità tagħhom li jilħqu l-SDGs.

Il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp aktar avvanzati huma importanti għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u, bħala ekonomiji kbar, għandhom influwenza dejjem akbar fuq l-isfidi globali, bħat-tibdil fil-klima. L-UE u l-Istati Membri tagħha bnew relazzjonijiet ġodda innovattivi ma' pajjiżi bħal dawn madwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.

**Involviment innovattiv mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp aktar avvanzati**

L-UE u l-Istati Membri tagħha saħħew is-sħubijiet għall-SDGs ma' firxa ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li huma aktar avvanzati, inklużi fl-Asja u fl-Amerika Latina. Dawn ir-relazzjonijiet imorru lil hinn mill-użu tradizzjonali tal-ODA u jinkludu firxa ta' interventi mmirati, inklużi strumenti finanzjarji innovattivi bħat-taħlit tal-għotjiet ma' self, garanziji baġitarji, bonds ekoloġiċi, kapital ta' riskju kif ukoll l-iskambju tal-esperjenza u l-kooperazzjoni triangolari (fejn il-pajjiżi żviluppati u dawk fil-fażi tal-iżvilupp jistgħu jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom biex jipprovdu appoġġ lil pajjiż terz fil-fażi tal-iżvilupp). Filwaqt li jipproċessa volumi iżgħar ta' riżorsi finanzjarji, dan l-approċċ isaħħaħ ir-relazzjonijiet billi jiffoka fuq l-interessi komuni fl-Aġenda 2030.

**Strumenti innovattivi u finanzi sostenibbli**

Il-finanzjament innovattiv jista' jgħin biex jiġu implimentati l-SDGs fejn tipi oħra ta' finanzjament ma jipprovdux biżżejjed fondi. L-UE u l-Istati Membri tagħha żviluppaw approċċi innovattivi biex iżidu l-flussi finanzjarji lejn il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u biex jużaw ir-riżorsi disponibbli b'mod aktar effettiv. Fl-2017 il-mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, bħall-bonds ekoloġiċi, it-tpartit tad-dejn u t-taxxi fuq tranżazzjonijiet finanzjarji ġġeneraw aktar minn EUR 2,4 biljun f'investimenti[31]. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE tal-2018 dwar il-finanzjament tat-tkabbir sostenibbli[32] qed jibda

- jgħin biex il-flussi tal-kapital jiġu diretti lejn l-investiment sostenibbli;
- jimmaniġġja aħjar ir-riskji finanzjarji mid-degradazzjoni ambjentali u problemi oħra; kif ukoll
- jinkoraġġixxi t-trasparenza u perspettiva aktar sostenibbli u fit-tul fis-swieq finanzjarji u fil-kumpaniji madwar id-dinja.

**Ħidma aħjar mal-oħrajn**

[31] https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/report-investing-sustainable-dev-20180423_en.pdf
[32] COM(2018) 097 finali

L-UE u l-Istati Membri tagħha saħħew ukoll is-sħubijiet tagħhom mal-gvernijiet lokali, mas-soċjetà ċivili, maċ-ċittadini, mas-settur privat, mal-fondazzjonijiet privati, mal-istituzzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka u mal-organizzazzjonijiet multilaterali.

Is-soċjetà ċivili

L-UE u l-Istati Membri tagħha ppromwovew il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) fl-iżvilupp u ħeġġew lill-partijiet kollha tas-soċjetà biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv. Dawn l-għanijiet ġew promossi permezz tal-programm tematiku tal-UE "L-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u l-Awtoritajiet Lokali[33]", u permezz ta' 25 ftehim qafas tas-sħubija biex jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala fornituri tas-servizzi ewlenin u atturi ċentrali għall-governanza tajba.

L-awtoritaijet lokali

Biex l-awtoritajiet reġjonali u lokali jiksbu l-SDGs hemm bżonn li jinvolvu rwieħhom attivament, b'mod partikolari permezz ta' approċċi speċifiċi biex l-SDGs jiġu tradotti fil-kuntest tagħhom stess. L-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u r-riformi ta' deċentralizzazzjoni, biex l-awtoritajiet reġjonali u lokali jkunu jistgħu jtejbu l-governanza u l-impatt fuq l-iżvilupp. Huma saħħew il-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet lokali u sottonazzjonali, inkluż permezz ta' kooperazzjoni deċentralizzata.

L-organizzazzjonijiet multilaterali

L-UE u l-Istati Membri tagħha ħadmu biex iżidu l-effettività tal-organizzazzjonijiet multilaterali, inkluża s-sistema tan-NU. Dawn l-organizzazzjonijiet ġew imħeġġa jallinjaw l-ippjanar strateġiku u l-attivitajiet operattivi tagħhom mal-Aġenda 2030, b'appoġġ għall-istrateġiji nazzjonali tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. F-2018, l-UE u n-NU ġeddew is-sħubija tagħhom fl-iżvilupp, b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell tal-pajjiż.

**Jingħata smigħ lil partijiet ikkonċernati oħra**

Ħafna partijiet ikkonċernati (inklużi l-OSĊ, it-trade unions, l-assoċjazzjonijiet tal-imprendituri, l-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali) ġew ikkonsultati matul it-tħejjija ta' dan ir-rapport u ġew inkorporati ħafna opinjonijiet. Il-kwistjonijiet li tqajmu li dwarhom hemm bżonn ta' attenzjoni kontinwa jinkludu:

- is-sensibilizzazzjoni dwar l-SDGs;
- konsultazzjoni aħjar mal-partijiet ikkonċernati meta jitfasslu l-politiki u l-proġetti;
- il-ħtieġa ta' qafas b'saħħtu ta' monitoraġġ u responsabbiltà;
- il-ħtieġa ta' aktar attenzjoni fuq il-limiti planetarji u l-azzjoni klimatika;
- enfasi akbar fuq id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba;
- enfasi akbar fuq il-valutazzjoni tal-impatt tal-politiki tal-UE fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp;
- l-integrazzjoni tal-inugwaljanza, li ħadd ma jibqa' lura, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

[33] https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/cso-la-mip-2014-2020_en.pdf

- tinżamm l-attenzjoni fuq il-faqar filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza ta' objettivi oħra bħas-sigurtà;
- it-tisħiħ tas-sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat u ambjent favorevoli għall-impriżi;
- il-garanzija li n-negozji jirrispettaw l-istandards (id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent, eċċ.); kif ukoll
- appoġġ għar-rwol tal-gvernijiet lokali fil-kisba tal-SDGs, inkluż meta jaħdmu mas-settur privat.

**Taqsima 4.3: Isir l-aħjar użu mir-riżorsi kollha**

L-UE u l-Istati Membri tagħha qed jimplimentaw attivament l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, li għandha l-għan li tippromwovi l-mobilizzazzjoni u l-aħjar użu tal-mezzi kollha ta' implimentazzjoni, finanzjarji u mhux finanzjarji, u ta' kull forma ta' sħubija biex jintlaħqu l-SDGs.

**Il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi**

L-approċċ tal-inizjattiva tal-UE "Iġbor Aktar, Onfoq Aħjar[34]" appoġġa lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, i) biex itejbu l-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku (ii) biex l-infiq tal-gvern isir aktar effettiv u effiċjenti u iii) fil-ġestjoni tad-dejn. Il-programmi ta' appoġġ baġitarju fi 88 pajjiż taw ukoll kontribut kbir għall-promozzjoni tal-governanza, il-ġestjoni finanzjarja pubblika u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi[35]. L-UE tappoġġa lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex jibnu oqfsa regolatorji finanzjarji li jwasslu aktar għal investimenti u finanzi sostenibbli.

L-ODA għad għandha rwol sinifikanti f'ħafna pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Sa mill-2015, l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jużaw dejjem aktar l-ODA biex jiġġeneraw finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp sostenibbli, pereżempju billi jappoġġaw il-ġbir ta' dħul aktar effettiv għall-gvernijiet sħab jew billi jimmobilizzaw l-investiment privat biex tingħata spinta lill-impjiegi u t-tkabbir.

Huwa stmat li l-flussi finanzjarji illeċiti, lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jiswewlhom kważi EUR 1 triljun fis-sena. F'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, qed isir dejjem aktar diffiċli biex jiġu ġestiti l-ispejjeż tas-servizzjar tad-dejn. L-UE u l-Istati Membri kienu attivi biex jindirizzaw l-evażjoni tat-taxxa u l-isfidi tad-dejn bħall-kredituri minoritarji li ma jikkooperawx.

**Il-mobilizzazzjoni tal-investiment privat**

Minħabba l-importanza tas-settur privat bħala kontributur għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, l-UE u l-Istati Membri ħadu miżuri b'saħħithom biex jippromwovu l-iżvilupp tas-settur privat. Inizjattivi reċenti importanti tal-UE jinkludu l-Pjan ta' Investiment Estern, l-

[34] https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/swd-collect-more-spend-better.pdf
[35] https://myintracomm.ec.europa.eu/dg/devco/eu-development-policy/budget-support-public-finance-domestic-revenue/Documents/budget-support/Budget%20Support%20-%20Trends%20%20Results%202018%20FINAL.pdf

Alleanza Afrika-Ewropa għal investiment u impjiegi sostenibbli, u l-proċess ta' Impriżi Sostenibbli għall-Afrika[36]. Il-programmi bilaterali tal-Istati Membri tal-UE jinkludu l-għoti ta' kreditu, garanziji u appoġġ tekniku lil impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju f'pajjiżi sħab. L-UE u l-Istati Membri tagħha użaw dejjem aktar it-taħlit, li permezz tiegħu l-għotjiet pubbliċi jimmobilizzaw l-investiment pubbliku u privat għall-iżvilupp sostenibbli, bħala mekkaniżmu ta' żvilupp ewlieni.

**Xjenza, teknoloġija u innovazzjoni**

Ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni huma ċentrali biex jintlaħqu l-SDGs. Pereżempju, fl-2016 ġiet stabbilita s-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni bejn l-UE u l-Afrika dwar is-Sigurtà Alimentari u Nutrizzjonali u l-Agrikoltura Sostenibbli[37], li tiswa EUR 70 miljun, għar-riċerka f'erba' oqsma:

- l-intensifikazzjoni sostenibbli;
- l-agrikoltura u s-sistemi alimentari għan-nutrizzjoni;
- is-swieq agrikoli u l-kummerċ; kif ukoll
- kwistjonijiet trasversali bħall-infrastruttura tar-riċerka, il-bini tal-kapaċità u l-osservazzjoni tad-Dinja.

**Parti 5: Monitoraġġ u rappurtar**

**Is-sistemi ta' rappurtar tal-UE u tal-Istati Membri**

L-UE u l-Istati Membri tagħha tejbu r-rappurtar tagħhom dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp biex juru b'mod aktar ċar il-kontribut tagħhom għall-kisba tal-SDGs. Huma ħadmu wkoll biex itejbu s-sistemi globali għar-rappurtar dwar dawn il-kontributi. L-UE rrevediet il-qafas tar-riżultati tagħha biex tqis l-SDGs aktar fid-dettall, billi fejn possibbli tibbaża fuq l-indikaturi tan-NU rigward l-SDGs. Xi wħud mill-isfidi ewlenin futuri għall-UE u għall-Istati Membri tagħha huma:

- li jestendu l-użu tas-sistemi tar-riżultati;
- li jallinjawhom mal-SDGs; kif ukoll
- li progressivament jaħdmu lejn qafas komuni tar-riżultati għall-UE u għall-Istati Membri tagħha.

**Appoġġ għall-ġbir u l-użu tad-*data* fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp**

L-UE u l-Istati Membri tagħha żiedu l-kapaċità statistika tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex jipproduċu u janalizzaw id-*data*, sabiex jinformaw il-politiki u t-teħid tad-deċiżjonijiet. L-impenji tagħhom jirrappreżentaw kważi 50 % tal-appoġġ kollu tad-donaturi f'dan il-qasam[38]. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar, inkluż li tinbena l-kapaċità għal *data* diżaggregata biex jiġi żgurat li l-ebda segment tas-soċjetà ma jiġi eskluż mill-progress biex neqirdu l-faqar u lejn l-iżvilupp sostenibbli.

---

[36] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/sustainable-business-for-africa_en.pdf
[37] https://ec.europa.eu/research/iscp/pdf/policy/eu-africa_research_innovation_cooperation_on_fnssa_en.pdf
[38] Is-Sistema ta' Rappurtar tal-Kredituri tal-OECD

## Parti 6: Konklużjonijiet

Sa mill-2015, l-UE u l-Istati Membri tagħha ħadmu flimkien fuq l-SDGs u l-mezzi ta' implimentazzjoni kollha, u fi sħubija mal-imsieħba kollha tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u atturi oħra tal-iżvilupp. Dawn qed jieħdu lezzjonijiet mill-imgħoddi, qed jadattaw għal ċirkostanzi ġodda u qed jiġġeddu fil-kooperazzjoni internazzjonali ta' bejniethom. Ir-rapport u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż miegħu juru li:

- Ħadmu aħjar flimkien b'appoġġ għall-SDGs, inkluż permezz ta' aktar programmar konġunt, implimentazzjoni konġunta u oqfsa tar-riżultati konġunti;
- Ikkunsidraw l-interkonnessjonijiet bejn l-SDGs għal politika u implimentazzjoni aktar integrati u koerenti;
- Poġġew l-iżvilupp soċjali u uman fiċ-ċentru, filwaqt li inkorporaw ix-xogħol deċenti u l-protezzjoni soċjali fil-programmi tagħhom;
- Integraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-programmi tagħhom biex inaqqsu l-faqar u jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli;
- Fil-programmi tagħhom inkorporaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, kif ukoll il-protezzjoni ambjentali u l-ġestjoni sostenibbli u l-użu tar-riżorsi naturali;
- Il-programmi ffokawhom biex jilħqu lil min jinsab f'kundizzjoni ta' faqar estrem u min l-aktar li tħalla jaqa' lura;
- Indirizzaw l-inugwaljanza bħala tħassib universali li qed jikber;
- Ippromwovew il-paċi u l-istabbiltà, appoġġaw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;
- Ħadmu biex jagħmlu progress fl-impenji kollettivi tagħhom dwar l-ODA, inkluż għal-LDCs;
- Fasslu il-kooperazzjoni tagħhom għall-iżvilupp għaċ-ċirkostanzi tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp;
- Saħħew il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet multilaterali, mas-soċjetà ċivili u mas-settur privat; kif ukoll
- Imminimizzaw ir-riperkussjonijiet negattivi mill-politiki tagħhom fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u ppromwovew is-sinerġiji bejn il-politiki u l-azzjonijiet differenti.

Madankollu, hemm bżonn li jitħaffef il-pass tal-progress. Il-ġuħ, il-faqar u l-inugwaljanza qed jiżdiedu f'ħafna pajjiżi. Il-vulnerabbiltajiet li jirriżultaw mid-dejn estern li dejjem jiżdied qed ipoġġu l-istabbiltà makroekonomika f'riskju. Il-ħsara lill-klima u lill-ambjent qed tkompli tiżdied, filwaqt li l-eżawriment tar-riżorsi naturali u l-impatti tat-tibdil fil-klima qed jheddu l-istabbiltà u l-għixien. Filwaqt li l-UE għadha fuq quddiem nett f'livell dinji, għad hemm l-isfida li jintlaħqu l-impenji kollettiv6i tal-UE dwar l-ODA.

Dan ir-rapport jindika l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jaħdmu f'għadd ta' oqsma ewlenin:

- Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp jeħtieġ li tkun allinjata aktar mill-qrib mal-SDGs, sabiex il-programmi jikkontribwixxu b'mod aktar attiv u espliċitu għall-implimentazzjoni tal-SDGs.
- Is-sistemi ta' rapportar u ta' riżultati jeħtieġ li juru b'mod aktar ċar l-impatt tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-SDGs, inkluż fejn l-azzjonijiet jindirizzaw objettivi multipli.

- L-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jżidu l-isforzi biex jaħdmu aħjar flimkien għall-SDGs, pereżempju permezz ta' programmi konġunti u oqfsa tar-riżultati konġunti.
- Hemm bżonn ta' approċċi aktar integrati biex jiġi żgurat li r-riżorsi limitati jagħtu riżultati fuq diversi SDGs, pereżempju billi jiġu integrati aktar l-ambjent u l-klima jew jiġu integrati d-dimensjonijiet lavorattivi u ambjentali fil-politiki kummerċjali.
- L-involviment mal-pajjiżi sħab għandu jkun komprensiv, bi djalogi ta' politika bbażati fuq l-SDGs bħala punt ta' dħul ewlieni, abbażi ta' pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali u ta' Eżamijiet Nazzjonali Volontarji filwaqt li jiġu rispettati l-ispeċifiċitajiet tal-PEV.
- Jeħtieġ li jiżdied l-appoġġ għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fil-ġbir, l-analiżi u l-użu ta' *data* diżaggregata.

L-UE u l-Istati Membri tagħha se jaħdmu biex iżommu l-progress li sar mill-2015 'l hawn u biex jindirizzaw oqsma fejn hija meħtieġa azzjoni aċċellerata. Azzjoni fil-livell globali u reġjonali tibqa' kruċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi globali flimkien mal-isforzi nazzjonali. Diġà qed isir ħafna mix-xogħol bażiku. L-UE u l-Istati Membri tagħha se jinkwadraw dejjem aktar is-sħubijiet tagħhom ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw mil-lenti tal-SDGs. Għall-baġit fit-tul tal-UE li jmiss għall-perjodu 2021–2027, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet strumenti ta' finanzjament ġodda għall-kooperazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp li jagħtu lill-UE aktar flessibbiltà biex tadatta l-kooperazzjoni tagħha għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw. Is-sħubijiet essenzjali tagħna man-NU u ma' organizzazzjonijiet multilaterali oħra qed jissaħħu.

Dan l-ewwel Rapport ta' Sinteżi Konġunt huwa maħsub mhux biss bħala dokument ta' rappurtar iżda wkoll bħala parti minn affermazzjoni mill-ġdid usa' tal-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, fi sħubija ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw u sħab oħra. L-azzjonijiet miġbura fil-qosor f'dan ir-rapport jikkonfermaw id-determinazzjoni tagħhom li jaħdmu flimkien għal dinja li hija prospera, sostenibbli u paċifika.